**20 ta' Jannar, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Dr Joseph David Camilleri, LL.D. – President**
**Onor. Dr Joseph Said Pullicino, B.A., LL.D.**
**Onor. Dr Frank G. Camilleri, LL.D.**

A

*versus*

B

## Ritrattazzjoni – Applikazzjoni Ħażina tal-Liġi

*Ir-rimedju ta' ritrattazzjoni hu wieħed straordinarju in kwantu jikkostitwixxi deroga tal-prinċipju illi sentenza li saret res judicata għandha l-forza ta' liġi bejn il-kontendenti. Hu rimedju li għalhekk hu biss mogħti u jista' jiġi invokat fil-każijiet speċifiċi elenkati fil-liġi li għandhom jiġu interpretati ristrettivament.*

*Fil-każ ta' ritrattazzjoni bbażata fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatt kif ġew stabbiliti fis-sentenza li tagħha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni m'humiex aktar sindakabbli, u jkun hemm biss lok għar-ritrattazzjoni jekk, fuq dawk il-fatti kif jirriżultaw pruvati. Il-Qorti applikat artikolu tal-liġi ieħor li kellu jkun proprjament applikat.*

Il-Qorti: –

Rat il-petizzjoni ta' B għar-ritrattazzjoni tal-kawża, li biha esponiet bil-qima illi b'sentenza tad-29 ta' April, 1991, fil-kawża fl-ismijiet premessi fuq talbiet ta' l-attur għaliex il-ħajja konjugali

m'hijiex aktar possibbli għaliex il-konvenuta rrendiet ruħha ħatja ta' eċċessi, minaċċi, sevizji u inġurji gravi, lagħet it-talbiet tiegħu billi:

1. Iddikjarat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u *ddikjarat li hemm tliet kwarti mill-ħtija għall-konvenuta u kwart* lill-attur;

2. Ikkonfermat il-kura u l-kustodja tat-tifla minuri tibqa' fdata f'idejn l-attur;

3. Ikkonfermatha fejn laqgħet it-tielet talba u ċjoè li tiddikjara terminata l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet;

4. Laqgħet u kkonfermat ir-raba' talba fejn assenjat id-dar konjugali lill-attur bl-applikazzjoni ta' l-artikolu rilevanti u l-pieni komminati mil-liġi; u

5. Ċaħdet il-ħames domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni u pprefiġġiet iż-żmien ta' xahrejn dwar id-dar konjugali, u li t-terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti tirriżali għad-datata l-ewwel sentenza;

Inoltre ordnat li l-ispejjeż jiġu ssopportati kollha tliet kwarti mill-konvenut u kwart mill-attur;

Illi fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-Ewwel Qorti qalet "jidher li għad li mill-provi jirriżulta li l-adulterju ġie ferm wara li ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti kien ġa prattikament tkisser u għalhekk ma jistax jingħad li kien il-kawża primarja tal-ksur ta'

l-istess żwieġ però dan kien ikkontribwixxa biex l-istess żwieġ prorju jispiċċa fix-xejn'';

Illi l-esponenti għandha dritt skond l-artikolu 811(e) illi titlob illi din is-sentenza nkluża l-ewwel sentenza tiġi mħassra biex hekk tiġi ritrattata u dana peress li s-sentenza applikat il-liġi ħażin;

Hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi peress illi l-fatt tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata ma segwiex dak li timponi l-liġi u din m'hijiex kwistjoni ta' interpretazzjoni tal-liġi li fuqha l-Qorti tat espressament id-deċiżjoni. Lanqas kien kontestat da parti ta' l-istess attur, il-fatt ta' l-adulterju. Intant lanqas seta' jaħbih wisq meta kif irriżulta saħansitra minn ġurnali lokali li jiġu prodotti fil-kawża, għamel festini li fihomn stieden lill-President tar-Repubblika, membri tal-Ġudikatura u għadd ta' personalitajiet oħra u anke ġab il-ġurnali jeħdulu r-ritratti u ppreżenta ma' ġembu lill-persuna li fuqha kienu qed isiru l-allegazzjonijiet ta' l-adulterju bħala l-konsorti tiegħu;

Illi l-applikazzjoni ħażina tal-liġi tirriżulta minn dan. Il-liġi tagħna tagħmel distinzjoni bejn l-artikoli 38, 39 u 41 tal-Kodiċi Ċivili u hemm baħar x'jaqsam ir-raġunijiet taħt l-artikolu 40; waqt illi l-adulterju ta' waħda mill-partijiet – artikolu 38 jew 39 u, l-abbandun – artikolu 41, iġibu ċertu ċirkostanzi u ċertu effetti, huwa diskrezzjonali għall-Qorti jekk tapplikax l-istess skond l-artikolu 40. Fost dawn l-artikolu 53 jagħti drittijiet meta parti tista' żżomm vantaġġi miksuba mill-parti l-oħra kif ukoll applikabbli l-artikolu 48(1) (b) tassattivament kontra dik il-parti li tkun tat lok għall-firda;

Hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi għaliex il-Qorti ta' l-

Appell, minħabba l-adulterju kkomparat ma' fatti oħrajn li jistgħu jikkostitwixxu eċċessi jew inġurji applikat il-liġi tar-responsabbilità tad-danni ċivili qishom ta' karozza fejn hemm in-negliġenza kontributorja. Il-liġi tagħna fit-tieni artikolu tagħha timponi "ir-raġel u l-mara għandhom id-dmir li jkunu fidili lejn xulxin jieqfu ma' xulxin u jgħinu lil xulxin". Bis-separazzjoni saħansitra ma jispiċċax id-dmir tal-fedeltà u skond l-artikolu 35 jispiċċa biss l-obbligu li jgħixu flimkien. Ma jfissirx li l-obbligu tal-fedeltà jispiċċa;

Kif ġiet applikata l-liġi għall-fatti partikolari, l-adultejru meqjus skond il-liġi tagħna b'dik il-gravità u x'effetti jista' jġib ġie essenzjalment ġustifikat;

Din hija applikazzjoni assolutament ħażina tal-liġi għaliex anke kieku ngħatat separazzjoni favur ir-raġel minħabba eċċessi u sussegwentement wara li kienu diġà separati, huwa kkommetta adulterju anzi f'dan il-każ huwa konkubinaġġ, l-effetti ċivili għal dak iż-żwieġ anke b'sentenza sussegwenti setgħu jiġu varjati. Aħseb u ara kemm kellhom jiġu applikati l-istess regoli meta l-kawża tat-tħassir taż-żwieġ mhux komparabbli ma' l-ebda kawża oħra, kien l-adulterju;

Il-liġi li kellha tiġi applikata huma l-artikoli minn 35 sa 60 eċċettwati l-artikolu 59 tal-Kodiċi Ċivili;

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt li ġġib l-anness malleverija għall-ispejjeż skond l-artikoli 131 u 249 tal-Kap. 12 u waqt li tagħmel riferenza għall-provi prodotti u għas-sentenza fuq il-fatti stabbiliti u tirriserva li ġġib provi oħra f'dan l-istadju, titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġuni

prevista mill-artikolu 811(e) tordna illi s-sentenza mogħtija fi grad ta' Appell fl-ismijiet premessi tiġi ritrattata wara li qabel xejn tiġi mħassra s-sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti fid-29 ta' April, 1991, u dana peress illi dik is-sentenza applikat il-liġi ħażin;

Rat ir-risposta ta' A li biha espona bir-rispett:

1. Illi l-garanti offerti mhux idoneu, u in difett ta' kawtela regolari l-petizzjoni għandha tiġi ddikjarata deżerta bl-ispejjeż;

2. Subordinatament u bla preġudizzju ma kienx hemm fis-sentenza ebda applikazzjoni żbaljata tal-liġi;

3. Illi kien pjenament fil-poter tal-Qorti ta' l-Appell illi tikkonstata **bħala fatt** illi l-ħtija preponderanti tas-separazzjoni kienet tal-mara, u li, wara li kkontestat dan il-fatt, tapplika d-disposizzjonijiet tal-liġi bil-mod kif applikathom;

4. Bl-ebda mod ma hu ċar mill-petizzjoni tal-konvenuta b'liema mod speċifiku din l-Onorabbli Qorti applikat il-liġi ħażin;

5. Il-liġi (artikolu 816 Kodiċi Proċedura) teżiġi li r-ritrattant għandu jsemmi l-liġi li missha ġiet applikata. Li jindika l-artikoli minn 35 sa 60, eċċettwat l-artikolu 59 tal-Kodiċi Ċivili, bl-ebda mod ma jissodisfa l-vot tal-liġi. Seta' semma' "l-Kodiċi Ċivili kollu", u ħeles aktar ħafif;

6. Illi l-pretensjoni tal-konvenuta li b'din il-proċedura tħassar ukoll l-ewwel sentenza, kontenuta fil-korp tal-petizzjoni, hija kompletament insostenibbli;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Irid qabel xejn jiġi deċiż jekk jirrikorrux iċ-ċirkostanzi li jintitolaw lir-rikorrenti li titlob li l-kawża tiġi ttrattata mill-ġdid. L-applikanti qed tibbaża t-talba tagħha fuq is-sub-inċiż (e) ta' l-artikolu 811 tal-Kodiċi Ċivili li testwalment jgħid li kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' Appell tista' tiġi ritrattata:

(e) Jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat deċiżjoni'';

Dan is-sub-inċiż li jagħti l-opportunità ta' ritrattazzjoni minħabba applikazzjoni ħażina tal-liġi, ħa s-sura preżenti bl-emendi ntrodotti bl-Ordinanza IX ta' l-1886. B'dawn l-emendi ġew definiti u f'ċertu aspett limitati t-termini ta' l-artikolu preċedenti taħt l-Ordinanza ta' l-1854 li kien ferm aktar wiesa' fid-diċitura tiegħu. Dan kien jgħid:

''*Se le sentenze della Corte della Seconda Istanza fosse state nullamente proferiti* ***per qualunque causa'';***

Dan kien japplika allura, kemm għall-żball ta' fatt, kif ukoll ta' liġi. B'dana kollu, anke dak iż-żmien, il-Qrati kienu jinterpretaw dan l-artikolu ristrettivament. Hekk fil-kawża

"Musci *vs* Formosa", deċiża fit-13 ta' Mejju, 1876 (Vol. VII, pg. 574) il-Qorti ta' l-Appell interpretata liema nullità kienet tagħti lok għar-ritrattazzjoni u ddefiniet l-estensjoni tat-terminu "*per qualunque causa*";

"*Attesocchè la legge di procedura accordando la ritrattazione quando la sentenza della Corte di Seconda Istanza fosse stata nullamente proferita per qualunque cause non ha definito quali sieno le cause importanti di nullità e quindi si è rimessa alle regole del diritto. Attesocchè sebbene il semplice errore di fatto non sia un motivo di nullità; sebbene l'interpretazione dei fatti e la valutazione e l'apprezzamento delle prove sia di attribuzione dei giudici del merito e non presta causa legittima a ritrattazione; quando però trattasi di un errore chiaro ed evidente, che si appalesa dalla faccia stessa dell'atto, e quando versa sopra un fatto non suscettivo di alcuna interpretazione a tale errore avrà determinato il giudizio della Corte, come quando per inavvertenza si sarà scambiato un fatto per un altro, allora la sentenza è nulla e la causa è soggetta a ritrattazione*";

Fil-każ ta' ritrazzjoni bbażata fuq applikazzjoni ħażina tal-liġi, il-fatti kif ġew stabbiliti fis-sentenza li tagħha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni, m'humiex aktar sindakabbli. Dan ifisser illi biex jiġi deċiż jekk kienx hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, wieħed ma għandux u ma jistax jeżamina mill-ġdid il-fatti tal-kawża u lanqas jistgħu dawn jiġu valutati jew interpretati b'mod ieħor għajr kif ġew valutati u determinati fis-sentenza impunjata. Kif jingħad fil-kawża "Vella *vs* Zarb-Bartolo" (Vol. XXVII, P. I, pg. 433) deċiża mill-Qorti ta' l-Appell, "*Per vedere se vi sia male applicazione di legge* ***deve prendersi per unica base di fatto come stabbilito della Corte nella sentenza***

***impugnata'';***

Jista' jkun hemm biss lok għar-ritrattazzjoni għalhekk taħt dan is-sub-inċiż (e), jekk, fuq dawk il-fatti kif jirriżultaw ippruvati, il-Qorti applikat artikolu tal-liġi flok ieħor li kellu jkun proprjament applikat. *Il-liġi* espressament tipprevedi u l-ġurisprudenza hi konkordi illi ma tistax tiġi kkontestata ta' l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti, fis-sentenza impunjata, lil-liġi li ġiet appellata għall-fatti kif jirriżultaw ippruvati;

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet ''Caruana *vs* Gerada'', deċiża fid-29 ta' Novembru, *1969*, hekk esprimiet ruħha f'dan ir-rigward:

''Il-liġi tgħid li ma jkunx hemm l-applikazzjoni ħażina tal-liġi meta tkun qamet kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tal-liġi li trid tiġi applikata u l-Qorti tkun espressament tat deċiżjoni fuq l-istess kwistjoni ta' interpretazzjoni'';

Dan hu l-istess ħsieb li b'mod forsi aktar grafiku ġie espress ħafna snin qabel fil-kawża ''Azzopardi *vs* Galea'' fejn ingħad li hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi fejn hemm *''la violazione manifesta in una sentenza* ***di una legge espressa e chiara non soggetta ad interpretazione''.*** ''L-ipotesi ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi, tikkonkreta ruħha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta ta' liġi espressa u ċara u mhux soġġetta għall-interpretazzjoni, razzjonċinji jew argomenti (Aquilina *vs* Aquilina – Vol. XLII, P. I, pg. 227);

Ir-rimedju ta' ritrattazzjoni hu wieħed straordinarju in kwantu jikkostitwixxi deroga tal-prinċipju illi sentenza li saret

*res judicata* għandha l-forza ta' liġi bejn il-kontendenti. Hu rimedju li għalhekk hu biss mogħti u jista' jiġi invokat fil-każijiet speċifiċi elenkati fil-liġi li għandhom jiġu interpretati restrettivament;

Hu fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandha tiġi eżaminata t-talba għar-ritrattazzjoni. Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. l-aggravju tar-rikorrenti hu bbażat fuq li, fil-fehma tagħha, "kif ġiet applikata l-liġi għall-fatti partikolari, l-adulterju meqjus skond il-liġi tagħna b'dik il-gravità u x'effetti jista' jġib, ġie essenzjalment ġustifikat". Dan naturalment fil-kontest illi r-rikorrenti tikkontendi li l-adulterju ta' żewġha kellu jingħata piż fiċ-ċirkostanzi ta' fatt kif irriżultaw b'mod li kellhom jimportaw kontra tiegħu s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli 48, 50 u 55 tal-Kodiċi Ċivili;

2. Iridu neċessarjament jiġu aċċettati bħala ppruvati mhux biss il-fatti kif irriżultaw, imma wkoll l-apprezament ta' dawn il-fatti kif sar fis-sentenza impunjata. Dan fid-dawl tal-prinċipji fuq elenkati. Kif irid ukoll jittieħed bħala fatt l-apprezzament li sar fl-istess sentenza tal-gravità tal-fatti addebitabbli lill-partijiet, kif ukoll il-grad ta' responsabbilità ta' kull parti fil-kawża għat-tkissir taż-żwieġ. Id-deċiżjoni illi ż-żewġ kontendenti kienu responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ hija insindakabbli u mhux soġġetta għar-ritrattazzjoni. Anki jekk din il-Qorti, kif komposta għandha r-riservi tagħha għall-mod kif ġiet kwantifikata tali responsabbilità u addebitata lil kull wieħed mill-kontendenti u ma ssibx għal kollox bla ġustifikazzjoni l-ilment tar-rikorrenti kontra l-partizzjoni numerika/frazzjonali ta'

responsabbilità. Din il-Qorti kienet tkun aktar propensa għal dikjarazzjoni tar-responsabbilità f'termini ġeneriċi, bil-piż ta' kull parti rifless fl-applikazzjoni tal-komminazzjonijiet kontra tagħhom fit-termini ta' l-artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili abbinat ma' l-artikolu 45. Riflessjoni din aktar ta' stil milli ta' sustanza;

3. Il-Qorti hi tal-fehm li dawn l-artikoli jagħtu l-ispunt għad-determinazzjoni ta' din il-kawża. Infatti l-artikolu 45 tal-Kap. 16 jgħid:

"Iżda meta jiġi ppruvat xi fatt li minħabba fih il-konvenut seta' wkoll, kieku ried, jitlob il-firda, il-Qorti **tista' tieħu l-qies ta' dak il-fatt għall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 52**";

U l-artikolu 52 jgħid:

"Hu **mħolli wkoll f'idejn il-Qorti** li tiddeċidi, skond iċ-ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48, 49 u 50 għandhomx jgħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx jgħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' għemil li jagħti lok għall-firda";

Hu ovvju illi dawn l-artikoli b'għaqal u ġudizzju kbir, jagħtu lill-Qorti anke fil-każijiet fejn bħal dak in eżami, tiġi determinata responsabbilità taż-żewġ konjugi għat-tifrik taż-żwieġ, **diskrezzjoni** biex tistabbilixxi skond iċ-ċirkostanzi, jekk is-sanzjonijiet ta' l-artikoli 48, 49 u 50 għandhomx jew le jiġu applikati kontra ż-żewġ kontendenti jew kontra xi wieħed minnhom biss fil-każ affermattiv fl-liema grad;

Din id-diskrezzjoni tal-Qorti tippresupponi mhux biss apprezzament ta' fatt, imma wkoll interpretazzjoni ta' kif dak l-apprezzament ta' fatt jinkwadra ruħu fil-kontest ta' l-artikoli tal-liġi rilevanti u applikabbli. Diskrezzjoni li, kif hu risaput, meta eżerċitata ġustament mill-Qorti ta' l-Ewwel Grad, hu a malapena sindakabbli mill-Qorti ta' Reviżjoni jekk mhux f'ċerti determinati ċirkostanzi u allura *a fortiori* ċertament ma tistax tkun l-oġġett ta' ritrattazzjoni;

4. Tajjeb li tiġi kkwotata, f'dan l-istadju din is-silta mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, b'din il-petizzjoni impunjata, li in suċċint tagħti l-bażi legali li wasslet lil dik il-Qorti għad-deċiżjoni tagħha: –

Ikkunsidrat:

Illi l-attur fiċ-ċitazzjoni tiegħu wara li talab lill-Qorti biex tippronunzja s-separazzjoni bejnu u bejn martu talab lill-istess Qorti biex tapplika fl-intier jew in parti l-effetti ta' l-artikoli 56, 58, 64 u 65 tal-Kodiċi Ċivili favur tiegħu. Illum l-ewwel tliet artikoli ċitati, **fl-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta saru 48, 50 u 55.** L-artikolu 65 kien ġie ġa rrevokat bl-Att XLVI ta' l-1973 għalkemm indikat fiċ-ċitazzjoni. Din il-Qorti wara li rat dawn l-artikoli kif ukoll l-artikoli 51 tal-Kap. 16 **ma tarax li hu l-każ li jiġu komminati s-sanzjonijiet hemm kontemplati u għalhekk sejra tikkonferma s-sentenza appellata f'dan ir-rigward'';**

Sewwa wkoll li jiġi kkwotat fejn, skond ir-rikorrenti, s-sentenza impunjata applikat il-liġi ħażin, u liema huma fil-fehma tagħha l-artikoli tal-liġi li kellhom jiġu applikati. Dan hi kienet

fl-obbligu tagħmlu, kif tassattivament jipprovdi l-artikolu 819 tal-Kap. 12. Ir-rikorrenti tgħid:

"L-applikazzjoni ħażina tal-liġi tirriżulta minn dan. Il-liġi tagħna tagħmel distinzjoni bejn l-artikoli 38, 39 u 41 tal-Kodiċi Ċivili u hemm baħar x'jaqsam ir-raġunijiet taħt l-artikolu 40; waqt illi l-adulterju ta' waħda mill-partijiet – artikolu 38 u 39 u, l-abbandun – artikolu 41, iġibu ċerti ċirkostanzi u ċertu effetti, huwa diskrezzjonali għall-Qorti jekk tapplikax l-istess skond l-artikolu 40. Fost dawn l-artikolu 53 jagħti drittijiet meta parti tista' żżomm vantaġġi miksuba mill-parti l-oħra, kif ukoll applikabbli l-artikolu 48(1) (b) tassattivament kontra dik il-parti li tkun tat lok għall-firda";

Skond ir-rikorrenti "**Il-Liġi li kellha tiġi applikata huma l-artikoli 35 sa 60 eċċettwat l-artikolu 59 tal-Kodiċi Ċivili**";

5. L-intimat jissottometti li r-rikorrenti b'din l-aħħar dikjarazzjoni ma tissodisfax il-vot tal-liġi. "Seta' semma l-Kodiċi Ċivili kollu u ħeles aktar ħafif". Asserzjoni forsi drakonjana, imma ċertament tissottolineja l-fatt li r-rikorrenti ma kinitx speċifika fl-ilment tagħha. Hu ċar però li waqt li l-artikoli 35 sa 47 tal-Kodiċi Ċivili, bl-eċċezzjoni ta' l-artikolu 45, jistabbilixxu l-kawżali tas-separazzjoni personali u ċ-ċirkostanzi li jagħtu lok għaliha, l-effetti tad-diserzjoni u rikonċiljazzjoni u jipprovdu għall-manteniment u l-kura u l-kustodja tat-tfal *pendente lite;* l-artikolu 45 u l-artikoli 48 sa 60 bl-eċċezzjoni ta' l-artikolu 59, jipprovdu għall-effetti tad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni skond il-ħtijiet li jirriżultaw addebitabbli lill-kontendenti;

6. Issa hu ovvju illi, kuntrarjament għal dak sottomess

mir-rikorrenti, il-Qorti ta' l-Appell u verament anke l-Qorti tal-Prima Istanza qabilha, indubbjament applikat dawn l-artikoli għall-fatti tal-kawża. Hu ovvju illi s-sentenza impunjata fl-ewwel lok iddeterminat min, skond hi, hu responsabbli għat-tifrik tażżwieġ wara li stabbiliet il-kawżi vari li wasslu għal dak it-tifrik. Dawn fatti stabbiliti naturalment, skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili fuq indikati. Stabbilit dan, il-Qorti għaddiet biex tiddeċidi dwar jekk is-sanzjonijiet mitluba mir-rikorrenti kinux applikabbli fil-każ kontra r-raġel, żewġha. Il-Qorti eżerċitat id-diskrezzjoni li għandha a tenur ta' l-artikolu 52 fuq ċitat, u ddeċidiet negattivament. Ma jidher għalhekk li jista' jkun hemm l-ebda dubju illi l-Qorti ta' l-Appell **applikat proprju dawk l-artikoli illi r-rikorrenti qed tippretendi li hi ma applikatx u li kellha tapplika.** Ir-rikorrenti fil-fatt qed tikkontesta l-**interpretazzjoni li l-Qorti tat lil dawn l-artikoli** – eżerċizzju li kif ingħad ma jista' qatt jifforma l-bażi għar-ritrattazzjoni a tenur ta' l-artikolu 811(e) fuq ċitat;

7. Ir-rikorrenti qiegħda ssostni l-konvinzjoni tagħha illi l-Qorti ta' l-Appell applikat l-liġi ħażin. Dan però mhux biżżejjed biex jeradika d-dritt għar-ritrattazzjoni. Hi trid tipprova l-premessa tagħha **illi l-Qorti applikat il-liġi l-ħażina u mhux li applikat il-liġi t-tajba b'mod ħażin.** "*Non è ammessibile la ritrattazione per mala applicazione di legge quando la Corte, raggionando sul fatto dedotto ed interpretando una disposizione di legge, applica, o dichiara non applicabile quella disposizione, mentre l'instante per la ritrattazione sottomette l'inapplicabilità o la confacenza al caso della medesima disposizione di legge*" ("Mizzi *vs* Portelli" 16.01.1931 – Vol. XXVIII, P. I, pg. 636);

Il-Qorti finalment tagħmel riferenza għall-insenjament tas-

sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-7 ta' Diċembru 1936, fil-kawża fl-ismijiet "Negozjant Giuseppe Di Ruggero Wismayer *vs* Giovanni Wismayer *et*" (Vol. XXIX, P. I, pg. 795), li fiha ġie maġistralment spjegat fl-liema ċirkostanzi hu applikabbli l-*artikolu 811(e) tal-Kap. 12. Mhux il-każ li tiġi hawn riprodotta u lanqas riportata l-ġurisprudenza hemm elenkata.* Jingħad biss illi l-argomenti li jinġiebu fil-petizzjoni tar-ritrattazzjoni sabiex bihom ir-rikorrenti tikkritika s-sentenza denunċjata ma jistgħux jiġu kkonsidrati għaliex ma jinkwadrawx ruħhom dawk iċ-ċirkostanzi li l-liġi teżiġi fil-każ *ta'* ritrattazzjoni *minħabba* applikazzjoni ħażina tal-liġi. Kif intqal fil-kawża "Bonnici *vs* Galea-Naudi" (Appell deċiż fit-3 ta' April, 1922 – Vol. XXV, pg. 137): *"Qui però si è in tema di ritrattazione, e tale rimedio non si da per qualunque caso di vera o supposita ingiustizia, di vero o supposita errore di fatto o di diritto, ma solo in quei casi tassattivamente stabbiliti dalla legge, dovendo in ogni altro caso prevalere la stabbilità del giudicato che sola può mettere fine alla lite, poichè l'autorità della cosa giudicata importa grandemente alla sicurezza civile";*

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tiddikjara illi l-pretiżi motivi tar-ritrattazzjoni ma għandhomx fundament *fil-liġi* u għalhekk it-talba biex tiġi rrevokata *s-sentenza ta' din* il-Qorti diversament presjeduta tad-29 ta' April, 1991, fl-ismijiet "A *vs* B" u li tiġi ritrattata l-kawża li fiha ġie mogħtija, *ma tistax* tiġi milqugħa;

L-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrenti.